**Stqarrija Ministerjali dwar is-Sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani**
**Is-7 ta' Ottubru 2024**

**ONOR. IAN BORG (Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ):** Sur President,

Illum qed infakkru għeluq is-sena minn mindu l-Ħamas wettqet attakk feroċi u barbaru fuq persuni innoċenti fl-Iżrael. Dan kien attakk li ġab il-kundanna tal-komunità internazzjonali, inkluż ta' pajjiżna u anke ta' dan il-Parlament. Bħala pajjiż, dejjem konna konsistenti u hekk se nibqgħu. Il-ħażin jibqa' ħażin irrispettivament minn min wettqu.

Malta tibqa' tisħaq fuq il-ħtieġa li l-ostaġġi kollha tal-attakki tas-7 t'Ottubru jinħelsu b'mod immedjat u bla ebda kundizzjoni, u għal kontabilità fuq l-abbużi kollha li saru f'dan il-jum.

Irridu nibqgħu naħdmu flimkien, bħala komunità internazzjonali, biex niżguraw li vjolenza u attakki bħal dawn ma jibqgħux iseħħu. Irridu naħdmu biex nevitaw aktar eskalazzjoni. Irridu naħdmu għad-djalogu. Irridu niżguraw li t-tfal u l-familji f'dan ir-reġjun ma jibqgħux ibatu minn dan il-kunflitt. Irridu niżguraw li l-paċi tirrenja fuq il-vjolenza.

Ma nistgħux għalhekk ma nirrikonoxxux li s-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani tinsab f'kollass umanitarju fejn l-attakki li jsofru ċ-ċivili jħallu nies mejta, midruba, mingħajr servizzi essenzjali għall-għajxien u li jkunu mġiegħla jiċċaqalqu minn djarhom. L-attakki segwiti minn ritaljazzjoni, iħallu biss sofferenzi u biżgħat parikolarmen għall-popli ta' Iżrael, il-Palestina u l-Libanu.

Filwaqt li nfakkru l-aħħar dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea, intennu l-urġenza għal waqfien mill-ġlied immedjat kemm f'Gaża kif ukoll bejn il-Ħeżbollah u l-Iżrael. Ir-Riżoluzzjoni Nru 1701 jeħtieġ li tkun implimentata biex ikun żgurat it-tmiem tal-ostilitajiet u r-ritorn sikur tal-popolazzjonijiet spostati.

Dak li għaddej fil-Libanu qed iħalli nies ċivili mejta, qerda kontinwa tal-infrastruttura ċivili u l-ispostament ta' eluf ta' persuni. Hija ta' għafsa ta' qalb li tara kif il-Libanu jkollu jibqa' jsofri minn daqqa wara oħra. Dan huwa pajjiż li għadu jbati l-konsegwenzi tas-sitwazzjoni politika u ekonomika interna b'ħafna diffikultajiet. Pajjiżna f'dawn iċ-ċirkostanzi dejjem kien konsistenti f'dak li għidna, u nibqgħu neżiġu li l-liġijiet internazzjonali, inkluża dik umanitarja, jeħtieġ li jkunu mħarsa – minn kulħadd.

Id-Direttorat tas-Servizzi Konsulari tagħna jinsab f'kuntatt ma' madwar 10 persuni ta' ċittadinanza Maltija li jinsabu fil-Libanu. Qed naħdmu wkoll ma' pajjiżi oħrajn biex jekk dawn juru x-xewqa li jiġu evakwati, nikkordinaw magħhom l-għajnuna kollha meħtieġa.

Sur President,

Tajjeb ukoll li nagħmilha ċara li s-sovranità kemm tal-Iżrael u kemm tal-Libanu trid tiġi mħarsa akkost ta' kollox. Kif dejjem tennejna, l-Iżrael għandu dritt li jiddefendi lilu nnifsu minn attakki esterni, iżda wkoll għandu d-dmir li r-reazzjoni tkun proporzjonata u msejsa fuq il-liġijiet internazzjonali.

Fl-istess waqt il-Libanu jeħtieġ l-appoġġ u l-assistenza tagħna għat-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tal-pajjiż, sabiex ikunu b'saħħithom biżżejjed mingħajr il-ħtieġa tal-indħil barrani. Irridu niżguraw li l-Unjoni Ewropea, flimkien mal-awtoritajiet tal-Libanu, jaraw li l-għajnuna umanitarja titwassal fejn hemm bżonn. Bl-istess mod, il-Forzi Armati Lebaniżi jeħtieġu kull għajnuna sabiex iħarsu s-sigurtà u s-sovranità tal-pajjiż biex huma wkoll ikunu forza ta' stabilità fir-reġjun.

Fl-isfond tal-aħħar żviluppi f'dan ir-reġjun, nikkundannaw bl-aktar mod b'saħħtu l-attakki tal-Iran kontra l-Iżrael. Jeħtieġ li l-Iran ukoll jonora l-obbligi internazzjonali tiegħu u ma jeskalax it-tensjonijiet. Ir-reġjun huwa eqreb minn qatt qabel lejn possibilità ta' gwerra reġjonali, u għaldaqstant jeħtieġ li nkomplu bl-isforzi tagħna fil-fora internazzjonali u anke fi ħdan l-Unjoni Ewropea biex dan il-kunflitt reġjonali jitrażżan illum qabel għada. Dan tennejtu ġimagħtejn ilu waqt il-laqgħat li kelli fi ħdan l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Magħquda.

Għalhekk, Sur President, Malta tkompli tħeġġeġ lill-partijiet kollha biex ikunu kawti fir-reazzjoni tagħhom. Aħna se nkomplu nkunu attivi fi ħdan l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Magħquda, fir-rwol tagħna ta' membru elett tal-Kunsill tas-Sigurtà sal-aħħar tas-sena, biex inkomplu bil-missjoni tagħna bħala vuċi tar-raġuni anke għal dan ir-reġjun li huwa tant qrib tagħna.

Sadanittant inkomplu nsostnu li s-sitwazzjoni f'Gaża, fix-Xatt tal-Punent u f'Ġerusalemm tal-Lvant, inkluż ir-rispett lejn l-i*Status Quo* storiku fuq postijiet Sagri, għandhom jibqgħu fuq l-aġenda. M'għandu jkun hemm l-ebda deċiżjoni unilaterali li tipperikola dan l-i*Status Quo*, kif ukoll deċiżjonijiet oħra li jxekklu jew inaqqru mill-possibiità taż-żewġ stati.

Għaldaqstant, ninsabu mħassba ħafna dwar is-sitwazzjoni f'Gaża, b'eluf ta' mejta jew spostati, kif ukoll bil-katastrofi umanitarja li dejjem qed tmur għall-agħar. Huwa importanti li dawn jingħataw l-importanza kollha meħtieġa.

Il-Gvern Iżraeljan għandu jieqaf minn azzjonijiet li jkomplu jaggravaw il-kundizzjonijiet tal-popolazzjoni ċivili Palestinjana u jikkonforma mal-obbligi taħt il-liġi internazzjonali. Bl-istess mod, is-sitwazzjoni fix-Xatt tal-Punent tibqa' inkwetanti ħafna wkoll. Il-vjolenza tas-settlers u ż-żieda fil-bini ta' settlements illegali huma allarmanti u nkompu l-appell tagħna biex kulħadd jirrispetta l-liġi internazzjonali u li ħadd m'għandu dritt inaqqar jew ixekkel dan.

Sur President,

Nemmnu, li l-qbil għal waqfien mill-ġlied u-Soluzzjoni taż-Żewġ Stati (Two State Solution) tibqa' l-unika triq vijabbli ġaladarba jieqaf il-ġlied. Il-ħelsien tal-ostaġġi u t-taffija tas-sitwazzjoni umanitarja jibqgħu essenzjali. L-adozzjoni ta' waqfien mill-ġlied jibqa' l-uniku mod biex il-proċess ta' paċi jerġa' jibda bil-mixja tiegħu, u wieħed li nibqgħu nħeġġu.

Għaldaqstant, importanti wkoll li nsemmu x-xogħol li Malta ħadmet fuqu f'dan ir-rigward. Matul il-mandat tagħha fi ħdan il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Magħquda, Malta ħadmet bla heda biex iżżomm is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani fuq l-aġenda. Fil-fatt, f'Novembru tal-2023, Malta mexxiet l-adozzjoni ta' Riżoluzzjoni 2712 (2023). Din ir-Riżoluzzjoni pprovdiet l-istabbiliment ta' pawżi u kurituri umanitarji f'Gaża flimkien ma' ħelsien sikur u mingħajr kundizzjonijiet tal-ostaġġi, speċjalment tat-tfal. Bl-istess mod fil-25 ta' Marzu, Malta flimkien ma' oħrajn irnexxielha tadotta Riżoluzzjoni 2728 (2024) li talbet għal waqfien

mill-ġlied immedjat f'Gaża matul ix-xahar tar-Ramadan, bil-għan li jiġi stabbilit waqfien mill-ġlied dejjiemi.

Sur President,

Ma nistax ma nsemmix id-diplomatiċi tagħna li għandna kemm fl-Iżrael u l-Palestina kif ukoll dawk kollha li qed isegwu u jaħdmu fuq din is-sitwazzjoni. Dawn qed jagħmlu sagrifiċċji kbar personalment u l-ħidma li jwettqu f'isem pajjiżna hija waħda kruċjali. Naħseb bħala l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż għandna nuru r-rispett u r-ringrazzjament lejn id-diplomatiċi kollha tagħna, kemm fir-reġjun, kif ukoll f'Malta, New York u Brussell, li bħalissa qed jaħdmu qatigħ biex inwasslu l-vuċi tal-paċi kull fejn nistgħu.

Irrid insellem ukoll lill-Membri tal-Forzi Armati ta' Malta tagħna li bħalissa jinsabu fil-Libanu fejn qegħdin iservu fil-Missjoni ta' Appoġġ tan-Nazzjonijiet Magħquda fil-Libanu (UNIFIL). Filwaqt li dawn jinsabu tajbin, għandna nkunu kburin bis-servizz tagħhom lejn pajjiżna u l-missjoni tagħhom li għandha rwol essenzjali fil-Libanu kif ukoll għar-reġjun.

Sur President,

Nagħlaq billi nassigura lil din il-Kamra li Malta se tkompli taħdem kemm mill-ambitu tan-Nazzjonijiet Magħquda, kif ukoll fi ħdan l-Unjoni Ewropea, sabiex is-sitwazzjoni kurrenti fil-Lvant Nofsani tibqa' fuq l-aġenda internazzjonali. Flimkien ma' sħabna Ewropej, se nkomplu naħdmu għall-waqfien mill-ġlied biex il-proċess għall-paċi jerġa' jingħata opportunità oħra.

Grazzi.